A.L. 209 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2005 tal-Kors għall-Postgraduate Diploma in School Counselling – P.G. Dip. (Sch. Couns.)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2005 tal-Kors għall-Postgraduate Diploma in School Counselling – P.G. Dip. (Sch. Couns.).

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni;

"id-Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in School Counselling – P.G. Dip. (Sch. Couns.); u

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għall-Postgraduate Diploma in School Counselling – P.G. Dip. (Sch. Couns.).

L-Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

Il-Kwalifiki għad-Dħul

3. (1) Biex jidħlu għall-Kors, l-applikanti għandu jkollhom il-kwalifiki li ġejjin:

(a) il-grad ta' Bachelor of Education (Honours) ikklassifikat fl-Ewwel jew fit-Tieni Klassi bl-Unuri ta' din l-Universita' u ħames snin esperjenza ta' tagħlim; jew

(b) (i) il-grad ta' Bachelor of Psychology, jew
(ii) il-grad ta' Bachelor of Psychology (Honours), jew
(iii) il-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Social Work, jew
(iv) il-grad ta' Bachelor of Arts bil-Psikoloġija bħala qasam ewlieni ta' studju,
f'kull każ ikklassifikati fil-Kategorija I jew II jew fl-Ewwel jew fit-Tieni Klassi bl-Unuri ta' din l-Universita', u l-Postgraduate Certificate in Education, u ħames snin esperjenza ta' tagħlim; jew

(ċ) kwalifiki oħra kkunsidrati mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, li huma ekwivalenti għall-kwalifiki speċifikati fis-sotto-paragrafi (a) u (b) ta' dan ir-regolament.

(2) Barra minn hekk l-applikanti għandhom jissodisfaw lill-Bord permezz ta' intervista li huma għandhom id-dispożizzjoni meħtieġa għall-Kors.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' sena ta' studju fuq bażi *full-time* jew sentejn ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm tal-Kors

5. Il-Kors għandu tliet komponenti kif ġej:

(a) komponent teoretiku li għalih hemm assenjat 26 kredtu ECTS;
(b) taqsimiet studju sinottiċi li għalihom hemm assenjati 10 kredti ECTS; u
(ċ) komponent prattiku li għalih hemm assenjat 24 kredtu ECTS.

Il-Katalgu ta' Taqsimiet Studju

6. Il-Bord għandu jħejji katalgu ta' taqsimiet studju. Il-katalgu għandu jindika l-livell, il-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima studju, il-kredti assenjati għal kull taqsima studju, u l-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni. Il-Bord għandu jippubblika l-katalgu qabel il-bidu ta' kull Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Ir-Reġistrazzjoni għall-Kors

7. Is-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, jista' jillimita l-għadd ta' studenti li jistgħu jidħlu għall-Kors skond ir-riżorsi disponibbli. L-għadd ta' studenti għandu jitħabbar qabel il-bidu ta' kull Kors. Jekk ikun hemm aktar applikanti eliġibbli mill-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti għandhom jintgħażlu minn bord maħtur għal dan il-għan.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

8. Ir-riżultati tal-valutazzjoni tat-taqsimiet studju u tal-komponent prattiku għandhom ikunu ppubblikati bħala marka perċentwali u grad kif ġej:

Il-Firxa tal-Marki	**Grad**
80% - 100%	A
70% - 79%	B
55% - 69%	C
45% - 54%	D
0 – 44%	F

Kemm il-marka perċentwali kif ukoll il-grad għandhom jitniżżlu fir-rekord akkademiku ta' l-istudenti. Madankollu, il-marka perċentwali biss għandha tintuża biex ikunu kkalkulati l-progress ta' l-istudent u l-klassifikazzjoni finali tad-Diploma.

9. L-ogħla marka u grad li jistgħu jingħataw għal valutazzjoni supplimentari għandhom ikunu 45% - grad D.

10. Biex jikkwalifikaw għad-Diploma, l-istudenti għandhom jgħaddu mit-tliet komponenti tal-Kors kif stipulat fir-regolament 5.

11. L-istudenti li, wara twissija mogħtija bil-miktub, jibqgħu ma jattendux għal konferenzi u/jew għas-sessjonijiet tutorjali jew b'xi mod ieħor jonqsu mid-dmirijiet akkademiċi tagħhom mingħajr ġustifikazzjoni xierqa, jistgħu jitwaqqfu mis-Senat, wara rakkomandazzjoni tal-Bord, milli jkomplu l-Kors.

Ir-Riżultat Finali

12. (1) L-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student fil-Kors għall-għan tal-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, bil-kredti kollha miksuba jingħataw piż indaqs.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.